**Minuti tas-6 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2014 fil-5:00 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-6.30 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg |
| Skużat | Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma fuq il-każ tad-dawl il-maqtugħ fejn huwa qal li kien mar mal-electrician fuq il-post u sab li dan kien inqatta meta kien sar ix-xogħol tal-konkos fejn il-Housing Estate. Huwa qal li kien ħa ir-ritratti u se jibgħathom lic-chairperson tal-Housing sabiex jieħdu ħsieb isewu l-ħsara li għamlu huma.

3.2 Raymond qal li aparti d-dawl li kien hemm propost hemhekk ikun hemm ukoll bozza li ssir fil-kantuniera ta fejn hemm il-blokok tal-Housing. Is-Segretarju qal li nistgħu napplikkaw għaliha wkoll.

3.3 Raymond qal li fuq il-madum li hemm nieqes fejn hemm il-Housing Estate dan jista jsir konkos bil-forma minfloku u jiġi jixxiebah.

3.4 Raymond qal li kien hemm railing ieħor mal-ġenb tal-Kappella li ma kienx ittieħed in konsiderazzjoni meta kienu tkejjlu r-railings mill-kuntrattur. Huwa qal li għandna ninfurmawh ukoll fuqu dan ir-railing għax bżonjuż.

3.5 Is-Segretarju semma li huwa kien irnexxilu jsib minn kien qed juża l-kamra li hemm fejn hemm il-liwja ta Triq Wied in-Noqor u għadda r-rapport lill-Awtoritajiet konċernati biex dawn jieħdu passi fuq din iż-żona.

3.6 Is-Segretarju semma li huwa kien irnexillu jġib kuntatti ta minn hemm minn naħa tal-Malta Industrial Parks fuq iż-żoni industrijali. Huwa qal li kien se jkellmu biex issir appuntament fuq il-boundary wall li suppost hemm mal-Industrial Estate.

3.7 Is-Sur. Saliba qal biex jekk ma tkunx se ssir Triq Wied in-Noqor imma hemm il-bżonn li fejn hemm il-liwja din titneħħa.

3.8 Is-Sur. Borg semma li hemm diversi għotjien tal-plastic tas-service boxes li huma mifqugħin fejn hemm il-Housing Estate sabiex dawn jinbidlu għax huma ta periklu.

3.9 Is-Sur. Saliba reġa saqsa fuq il-quotation tar-railings. Is-Segretarju qal li fuq din se jkellem lis-Sindku u jagħti risposta lura.

3.10 Is-Sur. Saliba qal li qed ikun hemm id-dawl tal-Bandli li mhux jixgħel. Is-Segretarju qal li se jkellem lill-electrician fuqu u jaraw xi ħsara hemm.

3.11 Is-Sur. Saliba qal li hemm it-tielet kanċell tal-Bandli li mhux qed ikun miftuħ. Is-Segretarju qal li se jiċċekkja fuqu sabiex dan ikun miftuħ kif suppost.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2014 fis-6.30 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-22 ta' Jannar issuġġerritta għal laqgħa.

________________________ ________________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv